MISTOQSIJA ORALI B' DIBATTITU O-0130/08
skond ir-Regola 108 tar-Regoli ta’ Proċedura
minn Daniel Cohn-Bendit, Kathalijne Maria Buitenweg, Raül Romeva i Rueda u Cem Özdemir f’isem il-Grupp Verts/ALE, Giusto Catania, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Jens Holm, Gabriele Zimmer, Miguel Portas u André Brie f’isem il-Grupp GUE/NGL, Ana Maria Gomes, Claudio Fava, Proinsias De Rossa u Marianne Mikko
lill-Kunsill

Suġġett: L-Integrazzjoni mill-ġdid tar-Refuġjati ta' Guantanamo

Wara ħafna snin ta' detensjoni kontra l-liġi, madwar 55 ruħ għadhom fi Guantánamo mingħajr ma ġew mixlija u mhumiex mistennija li jiġu mixlija b'xi krimini mill-Kummissjonijiet Militari tal-Istati Uniti jew minn kull proċess ġudizzjarju ieħor. Hu minnu li, madwar 30 minnhom diġà ġew rikonoxxuti mill-Istati Uniti bħala li huma ħielsa minn kull suspett sabiex jinħelsu, iżda ma jistgħux jintbagħtu lura lejn il-pajjiż tal-oriġini tagħhom minħabba r-riskju li jiġu ppersegwitati jew ittorturati.

Billi l-Parlament Ewropew adotta numru ta' riżoluzzjonijiet li jitolbu li jingħalaq iċ-ċentru ta' detensjoni ta’ Guantánamo u talab lill-Istati Membri Ewropej biex joffru protezzjoni umanitarja lill-persuni miżmuma fl-Istati Membri tagħhom b'mod illegali u li għandu jingħatalhom status ta' refuġjati,

Billi l-President elett Barack Obama tenna l-prijorità li jingħalaq iċ-ċentru ta' detensjoni illegali ta' Guantánamo Bay,

Billi l-ħelsien tad-detenuti li jkunu inħelsu mis-suspetti u għandhom jiġu ripatrijati jew offruti l-istatus bħala refuġjati għandhom ikunu ta' prijorità fil-proċess tal-għeluq tal-ħabs ta' Guantánamo barra mix-xtut Amerikani,

Meta wieħed jikkunsidra li għadd ta' Stati Membri tal-UE kienu involuti fit-trasport illegali u/jew fid-detensjoni tal-priġunieri mis-CIA u mill-militari Amerikana lejn Guantánamo u lejn il-"ħabsijiet sigrieti" rikonoxxuti mill-President Bush, u li għaldaqstant għandhom jaqsmu r-responsabilitajiet mal-Istati Uniti Amerikani rigward il-ħelsien u l-integrazzjoni mill-ġdid tad-detenuti li għandhom jingħataw l-istatus ta' refuġjati, minbarra l-fatt li l-priġunieri li jistgħu jiġu mixlija għandhom jitressqu permezz ta' proċeduri ġudizzjarji xierqa mingħajr ebda dewmin ieħor,

Kien hemm xi Stat Membru li rċieva xi talba mill-amministrazzjoni tal-Istati Uniti u/jew kwalunkwe talba individwali bil-għan li d-detenuti ta' Guantánamo jkunu integrati mill-ġdid? Jekk iva, x'kienu r-reazzjonijiet u r-riżultati u fuq liema bażi legali ttieħdu d-deċiżjonijiet?

Il-Kunsill jew kwalunkwe Stat Membrugħamlu pressjoni fuq l-amministrazzjoni tal-Istati Uniti sabiex jiżguraw ruħhom li dawk suspettati b'terroriżmu u li għandhom jiġu mixlija bi kwalunkwe reat u li huma miżmuma mill-Istati Uniti f'Guantánamo Bay jew "f'ħabsijiet sigrieti" oħra jitressqu għall-proċeduri ġudizzjarji bla ebda dewmien ieħor?

Imressqa: 20.11.2008
Mibgħuta: 21.11.2008
Skadenza: 12.11.2008